*ġaladarba d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant kienet imsejsa fuq il-kunsiderazzjoni tas-separazzjoni personali tal-appellata minn ma' żewġha, u anki li dan ma kienx qiegħed jgħaddilha manteniment, il-parametri tal-appell tal-appellata kienu dawk – ikun tassew inġust fil-konfront tagħha, jekk l-Arbitru kellu jgħaddi sabiex jiddeċiedi l-appell tagħha fuq konsiderazzjonijiet oħra ssollevati kontriha sussegwentement*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-24 ta' Jannar, 2024

Appell Inferjuri Numru 15/2023 LM

**Sylvana Zammit (K.I. nru. 366871(M))**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat id-**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa 'l quddiem 'id-Direttur Ġenerali appellant'] mid-deċiżjoni mogħtija fl-4 ta' Mejju, 2023, numru 175/2023 [minn issa 'l quddiem 'id-

deċiżjoni appellata’] mill-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali [minn issa ’l quddiem ‘l-Arbitru’], li permezz tagħha ddeċieda li jilqa’ l-appell tar-rikorrenti **Sylvana Zammit (K.I. nru. 366871(M))**, [minn issa ’l quddiem ‘l-appellata’], filwaqt li ddikjara nulla u mingħajr effett id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant tas-17 ta’ April, 2021.

## Fatti

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant tas-17 ta’ April, 2021 [minn issa ’l quddiem ‘id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat’] li l-appellata ma kinitx intitolata għal pensjoni kontributorja għaliex hija kienet legalment isseparata minn ma’ żewġha, illum mejjet, Noel Tanti, iżda dan ma kienx jgħaddilha manteniment.

## Mertu

3. L-appellata appellat minn din id-deċiżjoni quddiem l-Arbitru fid-19 ta’ Mejju, 2021, fejn ikkontestat id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat, filwaqt li spjegat ċ-ċirkostanzi tagħha, fejn irrilevat:

> *“L-appellanta umilment tikkontendi li ġaladarba l-Qorti tal-Appell fis-sentenza fuq ċitata ikkonkludiet li l-effetti tad-dekadenza ma japplikawx fil-konfront tagħha u hija qatt ma rinunzjat għal manteniment, il-fatt li ma hemm ebda manteniment likwidat a favur taghha ma għandux jiġi interpretat li hija ma għandiex dritt għal pensjoni tar-romol in kwantu l-kontribuzzjonijiet/jew parti minnhom tħallsu waqt iż-żwieġ ta’ bejn il-partijiet.”*

4. Id-Direttur Ġenerali appellant wieġeb fit-3 ta' Lulju, 2021 fejn huwa wkoll spjega ċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, filwaqt li rrileva li ġaladarba ż-żwieġ tal-appellata kien ġie annullat, hija ma tistax tippretendi li tieħu pensjoni tar-romol.

## **Id-deċiżjoni appellata**

5. L-Arbitru wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"__Konsiderazzjonijiet__*

*Ir-raguni li ngħatat mill-intimat Direttur għar-rifjut tal-applikazzjoni għal pensjoni huwa:*

> Inti kont legalment separata minn ma' żewġek imma hu ma kienx qiegħed imantnik. Fiċ-ċirkustanzi inti ma tistax titqies bħala l-armla tal-persuna assigurata skont l-Att dwar is-Sigurtà Socjali (Kap 318).

*Għaldaqstant id-deċiżjoni tas-sottoskritt trid tkun ibbażata fuq dak indikat ossia li l-appellanti ma kellhiex dritt għal pensjoni billi r-raġel ma kienx qed imantniha. Id-Direttur fis-sottomissjonijiet għamel ukoll riferenza għall-fatt li ż-żwieġ in mertu kien ġie dikjarat null u bla effett permezz ta' deċiżjoni ta' Tribunal Ekkleżjastiku. Din tal-aħħar però ma tiffurmax parti mid-deċiżjoni tad-Direttur illi hija, kif ingħad, speċifikata fuq il-fatt ta' nuqqas ta' ħlas ta' manteniment u għaldaqstant l-Arbitru ma jistax jidħol fil-kwistjoni partikolari tal-annullament.*

*Il-kwistjoni għalhekk hija dik ta' nuqqas ta' ħlas ta' manteniment. Hawnhekk l-Arbitru jrid naturalment jirrispetta d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fil-15.07.19. 1/05 RGM Sylvana Tanti pro et noe vs Noel Tanti. Issa l-artikolu 48 tal-Kap 16 (Kodiċi Ċivili) jistabbilixxi:*

> 48.(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –
>
> (d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.
> *Omissis.*

*Bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell ġie dikjarat illi* m'hemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili peress illi dan l-artikolu jista' jiġi applikat biss fil-konfront ta' min ikun ta lok għat-tifrik taż-żwieġ.

*Huwa għalhekk iċċarat permezz ta' din id-deċiżjoni illi l-appellanti kellha kull dritt li tipperċepixxi manteniment mir-raġel, ossia l-appellanti ma ddekaditx mid-dritt ta' ħlas jew talba għal manteniment.*

*Isegwi legalment illi d-deċiżjoni tad-Direttur li hija, kif ingħad, ibbażata unikament fuq id-dritt (jew nuqqas ta') ta' manteniment huwa inkorret billi ma jsegwix id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell."*

**<u>L-Appell</u>**

6. Id-Direttur Ġenerali appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fil-15 ta' Ġunju, 2023, fejn qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni tiegħu tas-17 ta' April, 2021, bl-ispejjeż kontra l-appellata. Jgħid li l-aggravju tiegħu huwa li l-Arbitru għamel interpretazzjoni skorretta u ma wasalx għall-konklużjoni tajba meta qal li huwa ma setax jidħol fil-mertu tal-annullament taż-żwieġ tal-appellata.

7. L-appellata wieġbet fit-18 ta' Ottubru, 2023 fejn issottomettiet li d-deċiżjoni appellata għandha tiġi kkonfermata għaliex hija ġusta, u dan bl-ispejjeż kontra l-imsemmi Direttur Ġenerali appellant.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju tad-Direttur Ġenerali appellant, flimkien mat-tweġiba tal-appellata, u dan filwaqt li tqis ukoll l-osservazzjonijiet tal-Arbitru kif jirriżultaw fid-deċiżjoni appellata.

9. Id-Direttur Ġenerali appellant qiegħed jikkontendi permezz tal-aggravju tiegħu, li l-Arbitru kien skorrett fl-interpretazzjoni u l-konklużjoni tiegħu li huwa kien ipprojbit milli jikkunsidra l-kwistjoni tal-annullament tal-appellata. Jikkontendi li qabel xejn fiċ-ċirkostanzi tal-każ, l-Arbitru ma kellux jagħmel interpretazzjoni daqstant dejqa dwar il-kompetenza tiegħu. Jissottometti li ġaladarba l-appellata applikat għall-pensjoni tar-romol, huwa kien tenut jinvestiga l-i*status* maritali tagħha fejn il-kelma 'armla' kienet mfissra sew fil-Kap. 318. Huwa jammetti li fil-bidu d-deċiżjoni tad-Dipartiment kienet ittieħdet wara li ġie kkunsidrat li l-appellata kienet isseparata legalment, u wara interpretazzjoni fir-rigward tal-manteniment fejn kellu jiġi deċiż jekk l-appellata kellha *"titqies bħala l-armla tal-persuna assigurata".* Id-Direttur Ġenerali appellant jinsisti li l-annullament tal-appellata għandu effett fuq l-eliġibilità tagħha għall-pensjoni tar-romol, iżda dan il-fatt twarrab għal kollox mill-Arbitru. Jissottometti li hawnhekk għandhom jiġu mistħarrġa l-effetti tal-annullament taż-żwieġ fir-rigward tal-pensjoni tar-romol, u għalkemm il-Kap. 318 kien sieket hawnhekk, it-tifsira ta' armla hija tassew ċara. Id-Direttur Ġenerali appellant jirrileva li l-para. (b), (ċ) u (d) tat-tifsira mhumiex applikabbli għall-każ odjern u jispjega għaliex. B'riferiment għall-para. (a) tat-tifsira ta' "armla", jissottometti li dan jipprovdi għal żewġ elementi sabiex persuna tkun tista' tikkwalifika, jiġifieri ż-żwieġ u l-jedd legali għall-manteniment, iżda fil-każ odjern l-appellata ma kienet tissodisfa l-ebda wieħed minn dawn ir-rekwiżiti. Jispjega li l-appellata kienet parti fi proċeduri ta' annullament tal-Knisja, u sussegwentement il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fit-13 ta' April, 2015 iddikjarat id-deċiżjoni tat-Tribunal Ekklesjastiku bħala eżegwibbli, b'dana li l-ebda kopja ta' dik id-deċiżjoni ma kienet ġiet ippreżentata sabiex b'hekk ma kienx hemm ħjiel jekk kienx hemm

*mala fede* jew *bona fede.* Isostni li hekk kif iż-żwieġ tal-appellata ġie kkonfermat null mill-Qorti tal-Appell, hija ma setgħetx tissodisfa d-dettami tal-para. (a) suriferit, u għalhekk ma tistax tkun eliġibbli għall-pensjoni tar-romol. Jirrileva li hawnhekk kellu jiġi kkunsidrat il-kunċett ta' żwieġ putattiv skont id-definizzjoni mogħtija mill-artikolu 20 tal-Kap. 255, iżda filwaqt li jiċċita d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu tal-liġi, id-Direttur Ġenerali appellant jesprimi l-fehma li l-ebda waħda minnhom ma hija applikabbli fil-konfront tal-appellata sabiex tkun eliġibbli għall-pensjoni tar-romol, u jgħaddi sabiex jispjega għaliex skont hu l-appellata ma tikkwalifikax skont dawn id-dispożizzjonijiet. Jgħid li fl-agħar ipoteżi r-raġel tal-appellata seta' ġie ddikjarat iħallas manteniment lilha sat-13 ta' April, 2020. Jirrileva li l-imsemmi raġel tagħha kien miet fis-7 ta' Frar, 2021, u l-applikazzjoni tal-appelllata għall-ħlas tal-pensjoni tar-romol saret ftit ġimgħat wara, fejn sa dakinhar ma kellha l-ebda jedd għall-manteniment *ai termini* tas-subartikolu 20(5) tal-Kap. 255. Id-Direttur Ġenerali appellant jikkunsidra wkoll is-sottomissjoni tal-appellata li hi u żewġha kienu għamlu diversi kontribuzzjonijiet, iżda jgħid li dan il-fatt huwa irrilevanti hawnhekk, għaliex dak li kien qiegħed jiġi kkunsidrat kien proprju jekk għandha tiġi meqjusa bħala "armla" *ai termini* tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 318, u mhux jekk tassew sarux kontribuzzjonijiet. Id-Direttur Ġenerali appellant jirrileva wkoll li l-analoġija tal-appellata mal-artikolu 42A tal-Kap. 318 hija waħda skorretta. Filwaqt li jagħmel riferiment għall-prinċipju legali li *ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacuit,* jissottometti li l-appellata qiegħda tippretendi li għandha tinħoloq klassifika għaliha, jiġifieri għal persuni li ż-żwieġ tagħhom ikun ġie ddikjarat null, u dan fejn il-liġi b'mod ċar ma tipprovdiex għal dan. Jgħid li dan kollu saħansitra jsaħħaħ l-argument tiegħu li hemm distinzjoni ċara bejn dawk il-każijiet fejn

hemm żwieġ u dritt ta’ manteniment, u oħrajn fejn minħabba dikjarazzjoni ta’ annullament ma kien hemm qatt żwieġ. Jgħid li fil-każ odjern, l-annullament tal-appellata ma kienx jagħmilha eliġibbli għall-pensjoni tar-romol, u għalhekk id-deċiżjoni tiegħu għandha tiġi kkonfermata.

10. Min-naħa tagħha l-appellata twieġeb li d-deċiżjoni appellata hija ġusta u għaldaqstant għandha tiġi kkonfermata. Tissottometti li l-Arbitru kien korrett meta ddikjara li huwa ma setax jistħarreġ il-kwistjoni tal-annullament tagħha. Tirrileva li jekk tassew din kienet il-konsiderazzjoni ewlenija tad-Direttur Ġenerali appellant fid-deċiżjoni tiegħu, huwa kien jindikaha fid-deċiżjoni tiegħu, u mhux jissollevaha fir-risposta tiegħu quddiem l-Arbitru. Hija tagħmel riferiment għal dak li jipprovdi għalih il-para. (b) tas-subartikolu 42A(1) u anki għas-subartikolu 20(1) tal-Kap. 255, fejn filwaqt li tagħmel riferiment għal paġna 9 u paġna 22 para. 25 tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) esebita, tirrileva li l-annullament kien attribwit unikament lir-raġel tagħha llum mejjet. L-appellanta tissottometti wkoll li ma jreġix l-argument tad-Direttur Ġenerali appellant li l-pensjoni hija marbuta mal-obbligu tal-manteniment wara s-separazzjoni. Tikkontendi li t-talba tagħha għall-ħlas tal-pensjoni kienet saret mill-ewwel wara l-mewt tar-raġel tagħha, u tirrileva li l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali tħallsu mill-komunjoni ta’ bejniethom sabiex b’hekk hija għandha dritt għall-imsemmija pensjoni, li tinsisti mhijiex estensjoni tal-manteniment dovut, imma ħlas ta’ assigurazzjoni li l-kontributur kellu mal-Istat. Tgħid li kuntrarjament għal dak li qiegħed jisħaq fuqu d-Direttur Ġenerali appellant, permezz tal-artikolu 42A tal-Kap. 318, li jagħti dritt għall-ħlas ta’ pensjoni li hija proporzjonali għas-snin taż-żwieġ, il-leġislatur jirrikonoxxi li l-pagamenti tal-kontribuzzjonijiet tul iż-żwieġ huma għall-benefiċċju taż-żewġ partijiet.

Għalhekk hija qiegħda tippretendi li titħallas pensjoni kontributorja rappreżentanti ż-żmien li hija kienet ilha miżżewwġa.

11. Il-Qorti tikkunsidra li l-Arbitru kien korrett fid-deċiżjoni tiegħu meta ddikjara li huwa ma setax jidħol fil-kwistjoni tal-annullament taż-żwieġ tal-appellata. Tgħid li ġaladarba d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant kienet imsejsa fuq il-kunsiderazzjoni tas-separazzjoni personali tal-appellata minn ma' żewġha, u anki li dan ma kienx qiegħed jgħaddilha manteniment, il-parametri tal-appell tal-appellata kienu dawk, u dan id-Direttur Ġenerali appellant għandu jafu sew. Tirrileva li kien ikun tassew inġust fil-konfront tagħha, jekk l-Arbitru kellu jgħaddi sabiex jiddeċiedi l-appell tagħha fuq konsiderazzjonijiet oħra ssollevati kontriha sussegwentement fil-proċeduri quddiemu.

12. Għaldaqstant il-Qorti tiddikjara li l-aggravju tad-Direttur Ġenerali appellant mhux ġustifikat, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tad-Direttur Ġenerali appellant billi tiċħdu, u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu.**

Moqrija.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**<br>**Imħallef** | **Rosemarie Calleja**<br>**Deputat Reġistratur** |